MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Numru 846/2002

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Brian Mallia, iben Louis, imwieled
Pieta' fil-11 ta' lulju, 1974
u
Vince Cuuciardi, iben Vincent,
imwieled Senglea fid-19 ta' marzu,
1959

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fit-13 ta' april, 2002 f'xi ħin wara nofs in-nhar f'tas-Sliema kkomettew serq ta' flus mill-lukanda Sliema Chalet Hotel, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltij iżda mhux l-elf lira maltin li sar għad-dannu tad-diriġenti ta' l-istess lukanda;

2. talli fl-istess żmien, ħin u ċirkostanzi xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom;
3. talli huma reċidivi b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-24 ta' jannar, 2003 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal ts-seduta tal-24 ta' jannar, 2003 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li s-somma li ġiet misruqa hi ta' mitejn u għoxrin liri maltin (Lm220).

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' jannar, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom
u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tal-ewwel u tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 261(ċ), 279(a), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali
u tikkundannhom għal piena ta' sena priġunerija iżda wara li rat l-artikoli 28A
tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk
fil-perjodu ta' sentejn mil-lum l-imputati jikkomettu reat ieħor li għalih hemm
il-piena tal-priġunerija. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputati li jħallsu s-somma ta' mija u għaxar liri maltin (Lm110) kull wieħed minnhom
lis-sidien tal-lukanda Sliema Chalet Hotel fi żmien sitt xhur mil-lum. Rat l-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-imputati joqgħod taħt Ordni ta' Supervizjoni għal żmien

sentejn mil-lum taħt is-sorveljanza tal-Probation Officer Carmen Nygaard.

--------------------------------TMIEM--------------------------------